

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**                    **ID-DIRETTIVA 1999/94/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**  
**tat-13 ta' Diċembru 1999**

relatata mad-disponibilità ta' tagħrif għall-konsumatur dwar l-ekonomija tal-karburanti u emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> rigward il-*marketing* ta' karożżi tal-passiġġieri ġodda

(ĠU L 12, 18.1.2000, p. 16)

Emendata minn:

|                    |  | Ġurnal Uffiċjali |       |            |
|--------------------|--|------------------|-------|------------|
|                    |  | Nru              | Paġna | Data       |
| ► <b><u>M1</u></b> | Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/73/KE ta' l-24 ta' Lulju 2003                                | L 186            | 34    | 25.7.2003  |
| ► <b><u>M2</u></b> | Ir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2003 | L 284            | 1     | 31.10.2003 |
| ► <b><u>M3</u></b> | Regolament (KE) Nru 1137/2008 tal-Parlament Ewropew U tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008      | L 311            | 1     | 21.11.2008 |



**ID-DIRETTIVA 1999/94/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U  
TAL-KUNSILL**

**tat-13 ta' Diċembru 1999**

**relatata mad-disponibilità ta' tagħrif għall-konsumatur dwar l-ekonomija tal-karburanti u emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> rigward il-marketing ta' karożżi tal-passiġġieri ġodda**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali <sup>(2)</sup>,

Waqf li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat <sup>(3)</sup>,

- (1) Billi l-Artikolu 174 tat-Trattat jitlob utilizzazzjoni prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali; billi l-użu razzjonali ta' l-enerġija huwa wieħed mill-mezzi prinċipali li bih dan l-għan jista' jinkiseb u t-tniġġis ambjentali jitnaqqas;
- (2) Billi l-għan aħħari tal-Qafas tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Bidla fil-Klima huwa li tinkiseb stabilizzazzjoni tal-konċentrazzjonijiet tal-*greenhouse gas* fl-atmosfera flivell li ma jħallix interferenza antropoġenika perikoluża mas-sistema tal-klima;
- (3) Billi taħt il-Protokoll ta' Kyoto li jinsab mal-Qafas tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar il-Bidla fil-Klima miftiehem fil-Konferenza ta' Kyoto ta' Diċembru 1997, il-Kummissjoni kienet aċċettat li timmira li tnaqqas l-emissjonijiet tagħha matul il-perjodu mill-2008 sal-2012 dwar il-basket ta' gassijiet *greenhouse* bi 8 % meta mqabbla mal-livelli ta' l-1990;
- (4) Billi bħala rikonoxximent ta' l-importanza tal-karożżi tal-passiġġieri bħala sors ta' emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, il-Kummissjoni kienet ipproponiet strateġija Komunitarja li tnaqqas l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> mill-karożżi tal-passiġġieri u ttejjeb l-ekonomija tal-karburant; billi fil-Konklużżjonijiet tal-25 ta' Ġunju 1996 il-Kunsill laqa b' sodisfazzjon l-approċċ tal-Kummissjoni;
- (5) Billi t-tagħrif għandu rwol vitali fit-tħaddim tal-forzi tas-suq; billi l-provvista ta' tagħrif eżatt, rilevanti u komparabbli dwar il-konsum speċifiku tal-karburant u l-emissjonijiet CO<sub>2</sub> tal-karożżi tal-passiġġieri jista' jinfluwenza l-għażla tal-konsumatur favur dawk il-karożżi li jużaw anqas karburant u għalhekk jarmu anqas CO<sub>2</sub>, waqt li b'hekk jinkoraġġixxu lill-fabbrikanti biex jieħdu passi biex inaqqsu l-konsum tal-karburant tal-karożżi li huma jiffabbrikaw;
- (6) Billi l-preżenza ta' tikketti fuq karożżi wżati fil-post tal-bejgħ jista' jinfluwenza x-xerreġja ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri favur karożżi b'konsum baxx, billi din il-karatteristika titqies meta l-karożza terġa tinbiegħ; billi huwa għalhekk xieraq, b'konnessjoni ma l-ewwel reviżjoni ta' din id-Direttiva, li jiġi kkunsidrat li jitkabbar l-iskop għall-karożżi wżati koperti bid-Direttiva tal-Kummissjoni 93/116/KE tas-17 ta' Diċembru 1993 billi tiġi

<sup>(1)</sup> ĠU C 305, tat-3.10.1998, p. 2 u ĠU C 83, tal-25.3.1999, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 40, tal-15.2.1999, p. 45.

<sup>(3)</sup> L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 1998 (ĠU C 98, tad-9.4.1999, p. 252), il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tal-23 ta' Frar 1999 (ĠU C 123, ta' l-4.5.1999, p. 1), u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Novembru 1999 (għadhom mhux ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali).

## ▼B

adattata għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 80/1268/KEE relatata mal-konsum tal-karburant ta' karożżi bil-mutur <sup>(1)</sup>;

- (7) Billi huwa għalhekk meħtieġ li tiġi żviluppata tikketta dwar l-ekonomija tal-karburant fuq il-karożżi ġodda kollha tal-passiġġieri li tiġi esibita fil-post tal-bejgħ;
- (8) Billi tikketta dwar l-ekonomija tal-karburant għandu jkun fiha tagħrif dwar il-konsum tal-karburant u l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO<sub>2</sub> li ġew stabbiliti skond l-istandards armonizzati u l-metodi stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 80/1268/KEE tas-16 ta' Diċembru 1980 li tkun relatata ma' l-emissjonijiet ta' diġossidu karboniku u mal-konsum tal-karburant tal-karożżi bil-mutur <sup>(2)</sup>;
- (9) Billi huwa meħtieġ li tagħrif standardizzat supplimentari dwar il-konsum tal-karburant u l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO<sub>2</sub> tal-verżjonijiet kollha fis-suq tal-karożżi ġodda jkun disponibbli f'forma adattata kemm fil-post tal-bejgħ kif ukoll mill-korp nominat f'kull Stat Membru; billi dak it-tagħrif jista' jkun utli għall-konsumaturi biex jiffurmaw id-deċiżjoni tagħhom ta' xiri qabel ma jidħlu fix-*showroom* jew li jagħżlu li ma jużawx is-servizzi ta' bejjieġġ jew li ma jżurux *showroom* meta jixtru karożza ġdida;
- (10) Billi huwa importanti li kliġenti potenzjali jkunu konxji, fil-post tal-bejgħ, tal-mudelli tal-karożżi tal-passiġġieri l-aktar effiċjenti fil-karburant disponibbli f'dak il-post tal-bejgħ;
- (11) Billi l-letteratura promozzjonali, u kif xieraq, il-materjal promozzjonali l-ieħor kollu, użat fil-*marketing* ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri, għandu jkun fih id-*data* rilevanti dwar il-konsum tal-karburant u l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għall-mudelli tal-karożżi tal-passiġġieri li dwarhom jittratta,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Billi l-għan ta' din id-Direttiva huwa li jiżgura li t-tagħrif relatat ma' l-ekonomija tal-karburant u l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri offruti għall-bejgħ jew għall-kiri fil-Komunità jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi biex jippermetti lill-konsumaturi biex jagħmlu għażla informata.

*Artikolu 2*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

1. "karożza tal-passiġġieri" tfisser kull karożza bil-mutur tal-kategorija M1, kif definita fl-Anness II li jinsab mad-Direttiva 70/156/KEE <sup>(3)</sup> u li taqa' fl-ambitu tad-Direttiva 80/1268/KEE. Din ma tinkludix karożżi li jaqgħu taħt l-ambitu tad-Direttiva 92/61/KEE <sup>(4)</sup> u karożżi b'għan speċjali kif definiti fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 70/156/KEE;

<sup>(1)</sup> ĠU L 329, tat-30.12.1993, p. 39.

<sup>(2)</sup> ĠU L 375, tal-31.12.1980, p. 36. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 93/116/KE.

<sup>(3)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' karożżi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom (ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1). Id-Direttiva kif l-aħħar emendata mill-Parlament Ewropew u d-Direttiva tal-Kunsill 98/91/KE (ĠU L 11, tas-16.1.1999, p. 25).

<sup>(4)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE tat-30 ta' Ġunju 1992 relatata ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' karożżi bil-mutur b'żewġ roti jew tlieta (ĠU L 225, ta' l-10.8.1992, p. 72). Id-Direttiva kif emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni tal-1994.

## ▼B

2. “karozza ġdida tal-passiġġieri” tfisser kull karozza tal-passiġġieri li ma tkunx inbiegħet qabel lil persuna li tkun xtratha bi skop ieħor ħlief dak li tbiegħha jew tikkunsinnaha;
3. “ċertifikat tal-konformità” tfisser iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 70/156/KEE;
4. “post tal-bejgħ” tfisser post, bħal *showroom* tal-karozzi jew roqgħa art miftuħa fejn karozzi ġodda tal-passiġġieri jintwerew jew jiġu offruti għall-bejgħ jew għall-kiri lil klijenti prospettivi. Fieri kummerċjali fejn karozzi ġodda tal-passiġġieri jiġu ppreżentati quddiem il-pubbliku huma inklużi f'din it-tifsira;
5. “konsum uffiċjali tal-karburant” tfisser konsum tal-karburant tat-tip approvat mill-awtorità li tapprova skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 80/1268/KEE u msemmija fl-Anness VIII li jinsab mad-Direttiva 70/156/KEE u meħmuż maċ-ċertifikat KE ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-karozza jew fiċ-ċertifikat tal-konformità. Meta diversi varjanti u/jew verżjonijiet ikunu raggruppati taħt mudell wieħed, il-valur li għandu jingħata lill-konsum tal-karburant ta' dak il-mudell għandu jkun ibbażat fuq il-varjant u/jew il-verżjoni bl-ogħla konsum uffiċjali f'dak il-grupp;
6. “emissjonijiet uffiċjali speċifiċi tas-CO<sub>2</sub>” għal karozza tal-passiġġieri partikolari tfisser dawk imkejla skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 80/1268/KEE u msemmija fl-Anness VIII li jinsab mad-Direttiva 70/156/KEE u meħmuża maċ-ċertifikat KE ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-karozza jew fiċ-ċertifikat tal-konformità. Meta diversi varjanti u/jew verżjonijiet ikunu raggruppati taħt mudell wieħed, il-valuri li għandhom jingħataw għas-CO<sub>2</sub> ta' dak il-mudell għandu jkun ibbażat fuq il-varjant u/jew il-verżjoni bl-ogħla emissjonijiet uffiċjali tas-CO<sub>2</sub> f'dak il-grupp;
7. “tikketta dwar l-ekonomija tal-karburant” tfisser tikketta li jkun fiha tagħrif għall-konsumatur dwar il-konsum uffiċjali tal-karburant u l-emissjonijiet uffiċjali speċifiċi tas-CO<sub>2</sub> tal-karozza li magħha t-tikketta tkun imwaħħla;
8. “gwidha ta' l-ekonomija dwar il-konsum” tfisser kompilazzjoni ta' *data* uffiċjali dwar il-konsum tal-karburant u dwar l-emissjonijiet uffiċjali speċifiċi tas-CO<sub>2</sub> għal kull mudell disponibbli fis-suq tal-karozzi ġodda;
9. “letteratura promozzjonali” tfisser il-materjal kollu stampat użat fil-*marketing*, fir-reklamar u fil-promozzjoni ta' karozzi lill-pubbliku in ġenerali. Din tinkludi, bħala minimu, manwali tekniċi, fuljetti, reklami fil-gazzetti, rivisti, stampa kummerċjali u kartelluns;
10. “għamla” tfisser l-isem kummerċjali mogħti mill-fabbrikant u huwa dik li jidher fuq iċ-ċertifikat tal-konformità u d-dokumenti ta' l-approvazzjoni tat-tip;
11. “mudell” tfisser id-deskrizzjoni kummerċjali ta' l-għamla, tat-tip, u, fejn ikun il-każ u jkun xieraq il-varjant u l-verżjoni tal-karozza tal-passiġġieri;
12. “tip”, “varjant” u “verżjoni” ifissru d-diversi vetturi ta' għamla partikolari li jiġu ddikjarati mill-fabbrikant, kif deskritti fl-Anness II. B li jinsab mad-Direttiva 70/156/KEE, u unikament indentifikati mill-karattri alfanumeriċi skond il-verżjoni, it-tip u l-varjant.

## Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tikketta dwar l-ekonomija tal-karburant u l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, li tkun skond il-ħtiġiet deskritti fl-Anness I, tkun imwaħħla jew esibita, b'mod li tkun tidher, ħdejn kull mudell ġdid ta' karozza tal-passiġġieri fil-post tal-bejgħ.

▼ **B***Artikolu 4*

Mingħajr preġudizzju għat-twaqqif mill-Kummissjoni ta' gwida fuq l-Internet fuq livell Komunitarju, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinħoloq gwida dwar l-ekonomija tal-karburant u l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> b'konsultazzjoni mal-fabbrikanti almenu fuq bażi ta' kull sena skond il-ħtiġiet ta' l-Anness II. Il-gwida għandha tkun tista' tinġarr, tkun ċkejkna fid-daqs u tkun tista tinkiseb mingħajr ħlas għall-konsumaturi meta tintalab kemm fil-post tal-bejgħ kif ukoll mingħand korp nominat f'kull Stat Membru.

L-awtorità jew awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 8 jistgħu jikkooperaw fit-tħejjija tal-gwida.

*Artikolu 5*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għal kull għamla ta' karozza, kartellun (jew inkella, kartellun) tiġi esibita flimkien ma' lista bid-*data* tal-konsum uffiċjali tal-karburant u bid-*data* uffiċjali dwar l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO<sub>2</sub> tal-mudelli ġodda kollha tal-karozzi tal-passiġġieri esibiti jew offruti għall-bejgħ jew għall-kiri ġo jew permezz ta' dak il-post tal-bejgħ. Dan it-tagħrif għandu jintwera f'post prominenti u skond il-format fl-Anness III.

*Artikolu 6*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-letteratura promozzjonali kollha jkun fiha d-*data* uffiċjali dwar il-konsum tal-karburant u dik uffiċjali speċifika dwar l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> tal-mudelli tal-karozzi tal-passiġġieri li għalihom din tirreferi skond il-ħtiġiet ta' l-Anness IV.

L-Istati Membri għandhom, fejn xieraq, jipprovdu materjal promozzjonali barra minn dak tal-letteratura promozzjonali msemmija hawn fuq li jindika d-*data* uffiċjali dwar l-emissjoni tas-CO<sub>2</sub> d-*data* uffiċjali dwar il-konsum tal-karburant tal-mudell speċifiku tal-karozza li għalih jirreferi.

*Artikolu 7*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-presenza ta' tikketti, gwidi, kartelluni u letteratura promozzjonali u materjal imsemmi fl-Artikoli 3, 4, 5 u 6 ta' marki oħra, simboli jew iskrizzjonijiet relatati mal-konsum tal-karburant jew ma' l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> li ma jikkonformawx mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva huma pprojbiti, jekk il-wiri tagħhom ikun jista jkollhom konfużjoni mal-konsumaturi prospettivi ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri.

*Artikolu 8*

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-implimentazzjoni u l-funzjonament ta' l-iskema tat-tagħrif għall-konsumatur deskritta f'din id-Direttiva.

▼ **M3***Artikolu 9*

1. Il-miżuri meħtieġa biex jiġu adattati l-Annessi ma' din id-Direttiva u mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali tagħha għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 10(3) wara konsultazzjoni ma' organizzazzjonijiet tal-konsumatur u partijiet oħra interessati.

Biex jiġi assistit dan il-proċess ta' adattament kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni, sal-31 ta' Diċembru 2003, rapport dwar l-effiċakja tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, li jkopri l-perjodu mit-

**▼ M3**

18 ta' Jannar 2001 sal-31 ta' Diċembru 2002. Il-format ta' dan ir-rapport għandu jiġi stabbilit skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 10(2) mhux aktar tard mit-18 ta' Jannar 2001.

2. Addizzjonalemnt għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tiegħu miżuri mmirati lejn:

- (a) aktar speċifikazzjoni tal-format tat-tikketta msemmija fl-Artikolu 3 billi tadatta l-Anness I;
- (b) aktar speċifikazzjoni tar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-gwida msemmija fl-Artikolu 4 bil-għan li jiġu klassifikati mudelli ġodda ta' karozzi biex b'hekk ikun jista' jsir elenku tal-mudelli skond l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> u l-konsum tal-karburant fi klassijiet speċifikati, inkluża klassi għal elenku tal-mudelli tal-karozzi ġodda l-aktar effiċjenti fil-konsum tal-karburant;
- (ċ) it-twaqqif ta' rakkomandazzjonijiet biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-prinċipji tad-dispożizzjonijiet dwar il-letteratura promozzjonali msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 lil media u materjali oħra.

Il-miżuri li hemm referenza għalihom fil-punt (a) ta' l-ewwel subparagrafu, li tfasslu sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 10(3).

Il-miżuri msemmija fil-punti (b) u (ċ) ta' l-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 10(2).

**▼ M2***Artikolu 10*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjunha minn kumitat.
2. Meta ssir referenza għal dan l-Artikolu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE<sup>(1)</sup> għandhom ikunu applikabbli, wara li jkun meqjusa d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

**▼ M3**

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a minn (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

**▼ B***Artikolu 11*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati bis-saħħa ta' din id-Direttiva. Il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disswasivi.

*Artikolu 12*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sat-18 ta' Jannar 2001. Dawn għandhom minnufih javżaw b'dan lill-Kummissjoni.

Fejn l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandu jkun hemm magħhom dik ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċitar tal-poteri ta' l-implementazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23).

**▼B**

tagħhom. Il-proċedura għal dik ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-kamp kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 13*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 14*

Din id-Direttiva qed tiġi indirizzata lill-Istati Membri.



## L-ANNEX I

**DESKRIZZJONI TAT-TIKKETTA DWAR L-EKONOMIJA TAL-KARBURANT U L-EMISSIONIJET TAS-CO<sub>2</sub>**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw, bħala minimu, li t-tikketti kollha ta' l-ekonomija tal-karburant fit-territorju tagħhom:

1. ikunu jikkonformaw mal-format standardizzat li jippermetti aktar għarfien mill-konsumaturi;
2. ikunu ta' daqs ta' 297 mm × 210 mm (A4);
3. ikun fihom referenza għall-mudell u t-tip tal-karburant tal-karozza tal-passiġġieri li magħha jitwählju;
4. ikun fihom il-valur numeriku tal-konsum uffiċjali tal-karburant u l-emissjonijiet uffiċjali speċifiċi tas-CO<sub>2</sub>. Il-valur tal-konsum uffiċjali tal-karburant jiġi espress jew f'litri kull 100 kilometru (l/100 km), jew bħala kombinazzjoni xierqa ta' dawn u jiġi kkwotat sa post deċimali wieħed. L-emissjonijiet uffiċjali speċifiċi tas-CO<sub>2</sub> jiġu kkwotati sa l-egreb numru sħiħ fi grammi kull kilometru (g/km).

Dawn il-valuri jistgħu jiġi espressi f'diversi unitajiet (galluni u mili) sal-limitu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 80/181/KEE <sup>(1)</sup>.

5. ikun fihom it-test li ġej dwar id-disponibilità tal-gwida dwar il-konsum tal-karburant u l-emissjonijiet CO<sub>2</sub>:

“Gwida dwar l-ekonomija tal-karburant u l-emissjonijiet CO<sub>2</sub> li jkun fiha tagħrif dwar il-mudelli tal-karozzi ġodda kollha tal-passiġġieri, tkun disponibbli fil-post tal-bejgħ mingħajr ebda ħlas”

6. ikun fihom it-test li ġej:

“B'żieda ma' l-effiċjenza ta' karozza rigward il-karburant, l-andament waqt is-sewqan kif ukoll karatteristiċi oħra mhux tekniċi għandhom sehem importanti biex jiġi stabbilit il-konsum tal-karburant u l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> ta' karozza. Is-CO<sub>2</sub> huwa l-gass *greenhouse* prinċipali responsabbli għat-tisħin globali”

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE ta' 1-20 ta' Diċembru 1979 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' l-unitajiet tal-kejl u r-revoka tad-Direttiva 71/354/KEE (ĠU L 39, tal-15.2.1980, p. 40). Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 89/617/KEE (ĠU L 357, tas-7.12.1989, p. 28).





## L-ANNEX II

**DESKRIZZJONI TAL-GWIDA DWAR L-EKONOMIJA TAL-KARBURANT U L-EMISSIONIJET CO<sub>2</sub>**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-gwida dwar l-ekonomija tal-karburant u l-emissjonijiet CO<sub>2</sub>, ikun fiha, bħala minimu, it-tagħrif li ġej:

1. elenku tal-mudelli tal-karozzi ġodda kollha tal-passiġġieri disponibbli għall-bejgħ fl-Istati Membri fuq bażi ta' kull sena, raggruppati skond l-għamla f'ordni alfabetiku. Jekk f'xi Stat Membru l-gwida tiġi aġġornata aktar minn darba fis-sena, allura l-gwida għandu jkun fiha elenku tal-mudelli tal-karozzi ġodda kollha tal-passiġġieri disponibbli fid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-aġġornament;
2. għal kull mudell li jidher fil-gwida, it-tip tal-karburant, il-valur numeriku tal-konsum uffiċjali tal-karburant u l-emissjonijiet uffiċjali speċifiċi tas-CO<sub>2</sub>. Il-valur tal-konsum uffiċjali tal-karburant jiġi espress jew flitri kull 100 kilometru (l/100 km), jew bħala kombinazzjoni xierqa ta' dawn, u tiġi kkwotata sa post deċimali wieħed. L-emissjonijiet uffiċjali speċifiċi tas-CO<sub>2</sub> jiġu kkwotati sa l-eqreb numru sħiħ fi grammi kull kilometru (g/km).  
  
Dawn il-valuri jistgħu jiġu espressi f'diversi unitajiet (galluni u mili) sal-limitu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 80/181/KEE;
3. elenku prominenti ta' l-10 mudelli ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri l-aktar effiċjenti fil-konsum tal-karburant klassifikati skond l-ordni ta' kemm jiżdiedu l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO<sub>2</sub> għal kull tip tal-karburant. L-elenku għandu jkun fih il-mudell, il-valur numeriku tal-konsum uffiċjali tal-karburant u l-emissjonijiet uffiċjali speċifiċi tas-CO<sub>2</sub>;
4. parir lis-sewwieqa li l-użu sewwa u l-manutenzjoni regolari tal-vettura u l-imġieba waqt is-sewqan, bħal li wieħed jevita sewqan aggressiv, isuq b'veloċità aktar baxxa, jantiċipa l-ibbrejtkjar, jonfoħ it-tyres sew, inaqqs il-perjodi ta' l-idling, ma jġorrx piż eċċessiv, dawn kollha jtejbju l-konsum tal-karburant u jnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> tal-karozza tal-passiġġieri tagħhom;
5. spjegazzjoni dwar l-effetti ta' l-emissjonijiet tal-gass *greenhouse*, it-tibdil prospettiv tal-klima u r-relevanza ta' karozzi bil-mutur kif ukoll referenza għad-diversi għażliet tal-karburant disponibbli għall-konsumatur u l-implikazzjonijiet ambjentali tagħhom ibbażati fuq l-aħħar evidenza xjentifika u l-ħtiġiet legiislattivi;
6. referenza għall-miri Komunitarji għall-medja ta' l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> minn karozzi tal-passiġġieri ġodda u d-data li fiha dawn il-miri għandhom jintlaħqu;
7. referenza għall-gwida tal-Kummissjoni dwar l-ekonomija tal-karburant u emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> fuq l-Internet, meta dawn ikunu disponibbli.



## L-ANNESS III

**ID-DESKRIZZJONI TAL-KARTELLUN/WIRI LI JRIDU JIĠU ESIBITI  
FUQ IL-POST TAL-BEJGĦ**

L-Istati Membri jridu jiżguraw illi l-kartellun/wiri jissodisfaw, bħala minimu, l-ħtiġiet li ġejjin:

1. il-kartellun jew il-wiri huma tad-daqs minimu ta' 70cm x 50cm;
2. it-tagħrif huwa ħafif għalbiex jinqara;
3. f'wirja fejn it-tagħrif jiġi pprovvdut fuq *screen* elettroniku, id-daqs ta' l-*screen* għandu jkun ta' mill-inqas 25cm x 32 cm (17-il pulzier). It-tagħrif jista jinwera billi jintuaw il-metodi tat-teknika tar-romblu;
4. il-mudelli al-karozzi tal-passiġġieri jiġu ggruppjati u elenkati separatament skond it-tip tal-karburant (p.e. petrol, *diesel*, eċċ.). Skond kull tip ta' karburant, il-mudelli jiġu mqiegħda f'lista, fl-ordni skond kif jiżdiedu l-emissjonijiet tal-CO<sub>2</sub>, bil-mudell ta' l-inqas konsum uffiċjali tal-karburant jitqiegħed fir-ras tal-lista;
5. għal kull mudell ta' karozza tal-pasiġġieri fil-lista, jingħataw il-għamla, il-valur numeriku tal-konsum uffiċjali tal-karburant u l-emissjonijiet speċifiċi uffiċjali tal-CO<sub>2</sub>. Il-valur tal-konsum uffiċjali tal-karburant jiġi espress jew flitri għal kull 100 kilometru (l/100km), f'kilometri għal kull litru (km/l) jew f'għaqda approrjata ta' dawn, u jiġi kkwotati sa ċifra waħda deċimali. L-emissjonijiet speċifiċi uffiċjali tal-CO<sub>2</sub> jiġu kkwotati sa l-egreb ċifra sħiħa fi grammi għal kull kilometru (g/km).

Dawn il-valurati jistgħu jiġu espressi f'unitajiet differenti (galluni u mili) safejn u sakemm ikunu kompatibbli mad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 80/181/KEE.

Hawn taħt huwa muri l-format issuġġerit:

| It-tip tal-karburant | Il-għoti tal-post fil-filliera | Il-Mudell | L-Emissjonijiet tal-CO <sub>2</sub> | Il-Konsum tal-karburant |
|----------------------|--------------------------------|-----------|-------------------------------------|-------------------------|
| Il-Petrol            | 1                              |           |                                     |                         |
|                      | 2                              |           |                                     |                         |
|                      | .....                          |           |                                     |                         |
| Id-Diesel            | 1                              |           |                                     |                         |
|                      | 2                              |           |                                     |                         |
|                      | .....                          |           |                                     |                         |

6. il-kartellun/wiri ikun fihom it-test li ġej li jirrigwarda id-disponibbiltà tal-gwida dwar l-ekonomija tal-karburant u l-emissjonijiet tal-CO<sub>2</sub>: "Gwida dwar l-ekonomija tal-karburant u l-emissjonijiet tal-CO<sub>2</sub> li fiha l-informazzjoni dwar il-karozzi l-ġodda kollha tal-passiġġieri hija disponibbli f'kull post tal-bejgħ mingħar ħlas"; fil-każ ta' wiri li jkun fuq *screen* elettroniku dan il-messaġġ irid ikun jidher b'mod permanenti;
7. il-kartellun/wiri jkun fihom it-test li ġej: "B'żieda ma' l-effiċjenza tal-karburant ta' karozza, l-imġiba fis-sewqan kif ukoll fatturi oħra mhux tekniċi għandhom rwol dwar kif jiġu stabbiliti l-ekonomija tal-karbutant u l-emissjoniet tal-CO<sub>2</sub> ta' karozza. Il-CO<sub>2</sub> huwa l-gass tas-serra globali responsabbli miż-żieda fis-sħana globali"; fil-każ ta' wirja li ssir fuq *screen* elettroniku dan il-messaġġ irid ikun jidher b'mod permanenti;
8. il-kartellun/wiri għandhom jiġu aġġornati mill-inqas kull sitt xhur, Meta tintuża wirja elettronika, it-tagħrif gandu jiġi aġġornat mill-inqas kull tliet xhur;
9. il-kartellun/wiri jistgħu jiġu sostitwiti b'mod komplet jew permanenti bi *screen* elettroniku. F'dan il-każ l-*screen* elettroniku għandu jiġi ppreżentat hekk illi jiġbed l-attenzjoni tal-konsumatur mill-inqas bl-istess intensità li tkun inkisbet minn kartellun/wira.

*L-ANNESS IV***IL-PROVVISTA TA' DATA DWAR IL-KONSUM TAL-KARBURANT U L-EMISSJONIJIET TAS-CO<sub>2</sub> FIL-LETTERATURA PROMOZZJONALI**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-letteratura promozzjonali kollha jkun fiha l-konsum uffiċjali tal-karburant u tagħrif dwar l-emissjonijiet speċifiċi uffiċjali tas-CO<sub>2</sub> tal-vetturi li għalihom tkun tirreferi. Dan it-tagħrif għandu, bħala minimu, jilħaq il-ħtiġiet li ġejjin:

1. ikun faċli biex jinqara u mhux anqas prominenti mill-parti prinċipali tat-tagħrif provdut fil-letteratura promozzjonali;
2. ikun faċli biex jiftiehem anke b'ħarsa superfiċjali;
3. id-*data* uffiċjali dwar il-konsum tal-karburant għandha tiġi provduta għall-mudelli differenti tal-karozzi kollha koperti mill-materjal promozzjonali. Jekk aktar minn mudell wieħed jiġi speċifikat allura jew id-*data* uffiċjali tal-konsum tal-karburant għall-mudelli kollha speċifikati jiġi inkluż jew il-qabża bejn l-aghjar u l-aħjar konsum tal-karburant tiġi ddikjarata. Il-konsum tal-karburant jiġi espress jew f'litri kull 100 kilometru (l/100 km), kilometri kull litru (km/l), jew bħala taħlita xierqa ta' dawn. Id-*data* numerika kollha tiġi kkwotata sa post deċimali wieħed.

Dawn il-valuri jistgħu jiġu espressi f'diversi unitajiet (galluni u mili) sal-limitu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 80/181/KEE.

Jekk il-letteratura promozzjonali jkun fiha biss referenza għall-għamla, u mhux għal xi mudell partikolari, allura d-*data* tal-konsum tal-karburant mhux meħtieġ li tiġi provduta.